REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 158/2008

tal-21 ta' Frar 2008

li jdaħħal ċerti ismijiet fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' l-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Salate von der Insel Reichenau (IĠP), Gurken von der Insel Reichenau (IĠP), Feldsalat von der Insel Reichenau (IĠP), Tomaten von der Insel Reichenau (IĠP))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u ta' l-oġġetti ta' l-ikel [1] [*isem mhux uffiċjali*], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(2), u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talbiet imressqa mill-Ġermanja għar-reġistrazzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi "Salate von der Insel Reichenau", "Gurken von der Insel Reichenau", "Feldsalat von der Insel Reichenau" u "Tomaten von der Insel Reichenau", ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma ġiet notifikata bl-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, dawn id-denominazzjonijiet għandhom jiddaħħlu fit-reġistru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjonijiet imsemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament huma b'dan irreġistrati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Frar 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

[2] ĠU C 135, 19.6.2007, p. 22.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat

Klassi 1.6 — Frott, ħaxix u ċereali fl-istat oriġinali jew ipproċessati

IL-ĠERMANJA

Salate von der Insel Reichenau (IĠP)

Gurken von der Insel Reichenau (IĠP)

Feldsalat von der Insel Reichenau (IĠP)

Tomaten von der Insel Reichenau (IĠP)